KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 31.5.2006
KUMM(2006) 254 finali

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## dwar il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija koordinata bil-għan li titjieb il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa

{SEC(2006) 659}

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## dwar il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija koordinata bil-għan li titjieb il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa

## 1. DAĦLA

Fl-2004, id-dħul fiskali, jiġifieri l-ammont totali tad-dħul mit-taxxi u mill-ħlasijiet obbligatorji tas-sigurtà soċjali, kienu jirrappreżentaw 39.3% tal-Prodott Gross Domestiku (PGD) ta' l-Unjoni Ewropea, jew € 4,097.7 biljun. Min-naħa l-oħra, ftit hemm estimi rigward l-ammont tat-taxxi li ma jinġabrux minħabba l-frodi fiskali. Fil-letteratura ekonomika ġeneralment insibu li l-evażjoni tammonta għal madwar 2 sa 2.5% tal-PGD.

Ir-riżultati tar-riskji tal-evażjoni tat-taxxa huma għalhekk sinifikanti ħafna. It-tħaddim tas-sistemi fiskali huwa qabel kollox kompetenza ta' l-Istati Membri u hekk għandu jibqa'. L-organizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni fiskali, is-sorveljanza ta' l-entitajiet taxxabbli, u l-ġbir tat-taxxa dovuti huma oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' l-Istati Membri, iżda l-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern kif ukoll il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità[1], għandha d-dmir li tistimula u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. L-evażjoni tat-taxxa hija ostakolu għall-funzjonament xieraq tas-suq intern minħabba li ġġib magħha tagħwiġ tal-kompetizzjoni fost dawk li jikkontribwixxu.

L-Istati Membri huma mħassba ħafna rigward il-kobor ta' l-evażjoni tat-taxxa. Bil-moviment ħieles ta' l-oġġetti, tas-servizzi, tan-nies u tal-kapital fil-qafas tat-twettiq tas-suq intern fl-1993, l-Istati Membri huma dejjem inqas kapaċi li jiġġieldu kontra l-evażjoni tat-taxxa kull wieħed għalih waħdu. Din id-diffikultà tidher aktar u aktar, fuq il-livell internazzjonali, sforz il-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija.

Fil-komunikazzjoni "Il-kontribut tal-politiki fiskali u doganali lill-istrateġija ta' Liżbona" tal-25 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni wriet il-fehma favur approċċ aktar magħqud u kkoordinat fuq livell Komunitarju sabiex il-ġlieda ta' l-Istati Membri kontra l-evażjoni tat-taxxa tkun aktar effettiva.

Il-komunikazzjoni preżenti għandha l-għan li tniedi diskussjoni fuq il-linji ta' riflessjoni mal-partijiet kollha kkonċernati dwar l-elementi li għandhom jitqiesu fil-qafas ta' strateġija "kontra l-evażjoni tat-taxxa" fuq livell Ewropew.

---

[1] L-Istati Membri jikkontribwixxu lejn ir-riżorsi tal-baġit Komunitarju skond it-Taxxa tal-VAT miġbura.

## 2. IL-GLIEDA KONTRA L-EVAŻJONI: IL-QAGĦDA PREŻENTI

### 2.1. It-Taxxa tal-VAT

L-evażjoni fit-Taxxa tal-VAT tieħu diversi forom, mill-attivitajiet ekonomiċi mhux iddikjarati, sa l-evażjoni li ssir internament fl-ekonomija (dikjarazzjonijiet foloz, tnaqqis mhux dovut) fl-Istati Membri. Teżisti evażjoni partikulari msejħa "il-katina ta' l-evażjoni" li tuża l-aktar il-kombinazzjonijiet tal-ħidmiet interni fi Stat Membru (bir-radd lura tal-VAT) u l-ħidmiet intra-Komunitarji (mingħajr ir-radd lura tal-VAT bejn il-kuntrattanti)[2]. Reċentement, wieħed jinnota wkoll l-implikazzjoni dejjem aktar spissa ta' operaturi stabbiliti f'pajjiżi terzi.

L-evażjoni tat-taxxa tal-VAT tipperikola l-interessi finanzjarji tal-Komunità li jirreferi għalihom l-Artikolu 280 tat-Trattat tal-KE[3].

Il-qafas ġuridiku Komunitarju dwar il-kooperazzjoni amministrattiva [4] ġie msaħħaħ xi ftit tas-snin ilu iżda joħroġ il-fatt li : l-Istati Membri ma jużawx biżżejjed il-possibbiltajiet il-ġodda offruti b'dan il-mod u l-livell ta' l-użu tal-kooperazzjoni ammistrattiva ma huwiex proporzjonali mad-dimensjoni tal-kummerċ intra-Komunitarju.

### 2.2. It-Taxxi tas-sisa

Wara l-1993, intwera t-tħassib dwar il-vulnerabilità tas-sistema "tal-karti" biex tintraċċa l-movimenti fis-sospensjoni tal-ħlas tat-taxxa tas-sisa kif ukoll l-evażjoni barra s-sistema ta' sospensjoni tat-taxxa fejn jittieħed vantaġġ mid-differenzi fir-rati ta' bejn l-Istati Membri.

Il-kompjuterizzazzjoni tas-sistema ta' l-intraċċar tal-movimenti tal-prodotti li fuqhom titħallas it-taxxa tas-sisa sospiża tikkostitwixxi pass importanti biex is-sistema ssir aktar sigura. Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta'Ġunju 2003 taħseb għat-twaqqif ta' sistema kompjuterizzata fi żmien sitt snin. Fil-medda qasira taż-żmien, diġà ttieħdu ċerti miżuri, fosthom l-adozzjoni ta' regolament ġdid speċifiku fil-qasam tas-sisa, bl-iskop li tissaħħaħ il-kooperazzjoni amminstrattiva.

Madankollu, hemm il-biża' li forom oħra ta' evażjoni, li jseħħu barra s-sistema ta' sospensjoni tat-taxxa, bħal per eżempju il-kuntrabandu u l-alkoħol u l-prodotti tat-tabakk kontrafatti, xorta waħda jiżviluppaw minkejja s-sistema kompjuterizzata u għalhekk iridu jiġu maħsuba miżuri oħra.

---

2 Għal deskrizzjoni aktar iddettaljata tal-katina ta' l-evażjoni, ara (2004)260 tas-16.4.2004, punt 3.2.2.

3 It-tagħwiġ ikkaġunat mill-evażjoni tat-taxxa tal-VAT jipperikola l-bilanċ globali tas-sistema tar-riżorsi proprji, li jrid ikun "*ekwitattiv u trasparenti*" biex b'hekk ikun żgurat il-funzjonament xieraq tal-Komunità.

4 Ir-Regolament (KE) Nru 1798/2003 tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2003 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 264 15.10.2003, p.1).

## 2.3. It-Taxxi Diretti

L-għajnuna reċiproka bejn l-Istati Membri hija rregolata permezz tad-Direttiva 77/799/KEE[5], li taħseb għall-iskambju tat-tagħrif kollu xieraq li jippermetti lill-Istati Membri biex jagħmlu taxxi xierqa fuq id-dħul u fuq il-ġid.

Barra minn hekk, id-Direttiva 2003/48/KE[6] tistabbilixxi sistema ta' skambju awtomatiku ta' ċerta informazzjoni li tikkonċerna l-ħlas ta' l-imgħax. Miżuri ekwivalenti għal dawk maħsuba fid-Direttiva huma s-suġġett ta' ftehim ma' l-Isvizzera, l-Andorra, il-Liechtenstein, Monako u San Marino.

## 2.4. Il-valutazzjoni tal-qafas ġuridiku eżistenti

Il-qafas ġuridiku Komunitarju fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa tal-VAT u tas-sisa jidher sodisfaċenti f'għajnejn il-Kummissjoni. Jekk jista' jinħaseb titjib fir-rigward ta' punti speċifiċi, dan joffri opportunitajiet reali ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

Min-naħa l-oħra, mill-aspett prattiku, id-Direttiva 77/799/KEE mhix daqshekk effettiva daqs kemm wieħed ikun jixtieq, minħabba l-fatt partikulari li r-rimedju ta' l-applikazzjoni pprovduta mhux suffiċjenti. Fir-rapport tiegħu tat-22 ta' Mejju 2000[7], il-grupp ad hoc tal-Kunsill dwar l-evażjoni tat-taxxa pproċeda biex janalizza b'mod sħiħ is-sistemi għall-ġlieda kontra l-evażjoni u ħareġ ir-rakkomandazzjonijiet li jimmiraw biex isaħħu l-mekkaniżmi tal-kooperazzjoni amministrattiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreżentat fl-2004 il-Komunikazzjoni "Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra s-serq finanzjarju u l-prattiċi irregolari tal-kumpaniji"[8] li enfasizzat ukoll il-ħtieġa li titjieb il-kooperazzjoni amminstrattiva, bil-proposta ta' inizjattivi biex iħeġġu l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali kemm fi ħdan l-Unjoni Ewropea kif ukoll fir-rigward tal-pajjiżi terzi.

Dak li joħroġ kemm minn dan ir-rapport kif ukoll minn din il-komunikazzjoni, u mill-kuntatti ulterjuri bejn il-Kummissjoni u l-Istati membri, huwa li d-Direttiva 77/799/KEE trid tissaħħaħ b'mezzi aktar effettivi, billi tieħu spunt minn dak li diġà jeżisti f'dak li għandu x'jaqsam mat-tassazzjoni indiretta (ir-reviżjoni ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva, il-limiti taż-żmien għar-risposti, il-preżenza ta' l-uffiċjali pubbliċi ta' Stati Membri oħra waqt li jkunu qegħdin isiru l-verifiki, eċċ.).

---

5 Id-Direttiva 77/799/KEE tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1977 li tirrigwarda l-għajnuna reċiproka ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-taxxi diretti u tat-taxxi fuq il-ħlasijet ta'l-assigurazzjoni (ĠU L 336 27.12.1977, p. 15) immodifikata l-aħħar bid-Direttiva 2004/106/KE tas-16 ta' Novembru 2004 (ĠU L 359 ta' l-4.12.2003).

6 Id-Direttiva 2003/48/KE tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar it-taxxi fuq id-dħul mit-tfaddil taħt il-forma ta' ħlasijiet ta' l-imgħax (ĠU L 157 26.06.2003 p. 38).

7 FISC 67 – CRIMORG 83 22.5.2000.

8 COM(2004) 611 finali 27.9.2004.

IL-LINJI LI GĦANDHOM JIĠU STUDJATI

## 3. IL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA BEJN L-ISTATI MEMBRI

### 3.1. It-titjib tal-funzjonament operattiv tal-kooperazzjoni

L-Istati Membri isemmu diversi raġunijiet biex jispjegaw l-użu insuffiċjenti ta' l-istrumenti tal-kooperazzjoni: problemi ta' lingwa, nuqqas ta' riżorsi umani u ta' l-għarfien tal-proċeduri tal-kooperazzjoni min-naħa ta' l-aġenti kontrolluri, eċċ.

Dawn in-nuqqasijiet ma humiex ġodda għaliex dawn diġà nkixfu u ssemmew għal diversi drabi fir-rapporti tal-Kummissjoni, mingħajr ma l-qagħda titjieb b'mod effettiv. Barra minn dan, il-grupp *ad hoc* tal-Kunsill dwar l-evażjoni tat-taxxa identifika n-nuqqas ta' "kultura amminstrattiva Komunitarja" bħala ostakolu fil-ġlieda kontra l-evażjoni.

Madankollu, mhux biżżejjed li wieħed jagħraf dan bħala fatt, iżda jeħtieġ impenn politiku min-naħa ta' l-Istati Membri bħala rimedju għas-sitwazzjoni. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li wasal iż-żmien biex titwaqqaf sistema ta' sorveljanza, fuq il-bażi ta' indikaturi li jistgħu jiġu kkwantifikati, sabiex jiġi żgurat li kull Stat Membru jkun f'pożizzjoni li jagħti, u fil-fatt jagħti, għajnuna effettiva lill-Istati Membri l-oħra.

Barra minn hekk, il-verifiki multilaterali għandhom isiru n-norma meta wieħed iqis id-dimensjoni Komunitarja tal-kummerċ

F'dak li għandu x'jaqsam mat-taxxa tal-VAT, l-Istati Membri għandhom bl-istess mod jagħmlu użu aktar koerenti mill-istrutturi ta' appoġġ u ta' għajnuna operattivi fuq il-livell Komunitarju, b'mod partikulari r-riżorsi ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Frodi (OLAF) li jservi ta' bażi ta' servizzi (għajnuna operattiva u informazzjoni) għall-unitajiet operattivi ta' l-Istati Membri.

Fil-fatt, l-evażjoni tat-taxxa hija spiss marbuta ma' l-istrutturi tal-kriminalità organizzata li jaħdmu fis-setturi differenti tal-kriminalità. Il-qligħ ta' l-attivitajiet tad-delinkwenza fiskali (pereżempju: l-evażjoni tat-taxxa tal-VAT jew il-kuntrabandu tas-sigaretti) jiġu normalment investiti f'attivitajiet oħra kriminali. Għalhekk huwa importanti li jiġi adottat approċċ globali u multidixxiplinarju fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa.

Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni fasslet il-proposta tar-regolament li jittratta l-għajnuna amministrattiva reċiproka bl-iskop li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-evażjoni tat-taxxa u kull attività oħra illegali[9].

Din il-proposta għandha tikkjarifika u ssaħħaħ il-qafas ġuridiku ta' din l-għajnuna operattiva u għandha tippermetti diġà fuq livell ta' l-għajnuna amministrattiva reċiproka, l-użu ta' l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet finanzjarji sospetti marbuta mal-ħasil tal-flus u għandha tagħti kwadru ddettaljat għall-għajnuna operattiva u fir-rigward ta' l-"intelliġenza" pprovduti mill-Kummissjoni (OLAF).

Ikun xieraq li jitfakkar li l-Artikolu 10 tat-Trattat tal-KE jobbliga lill-Istati Membri li jieħdu l-miżuri kollha, kemm ġenerali kif ukoll partikulari, li jiżguraw l-eżekuzzjoni ta' l-obbligi li

[9] COM(2004)509 finali 20.7.2004.

jirriżultaw mill-atti Komunitarji, fosthom il-kooperazzjoni amminstrattiva, u li l-Artikolu 280 tat-Trattat tal-KE jobbliga lill-Istati Membri li jikkoordinaw l-azzjonijet tagħhom bil-għan li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-KE.

### 3.2. L-għajnuna għall-ġbir tat-taxxi dovuti

Minbarra t-tisħiħ tal-mezzi biex jinqabad min jevadi t-taxxa, it-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni reċiproka fir-rigward ta' l-għajnuna għall-ġbir tat-taxxi dovuti għandu jiżgura l-irkupru aħjar tat-taxxi li ma jkunux tħallsu lill-Istat.

Ikun jixraq għalhekk li ssir riflessjoni fuq il-modi kif jiġu ffaċilitati l-proċeduri u fuq il-miżuri ta' għajnuna għall-uffiċjali tat-taxxa. Barra minn hekk, is-suċċess ta' l-għajnuna reċiproka jiddependi wkoll mill-kapaċitajiet ta' l-awtoritajiet nazzjonali u mill-mezzi tal-ġbir tat-taxxi dovuti li jingħatawlhom bil-liġi nazzjonali ta' kull Stat Membru.

Barra minn dan, jistgħu jitqiesu miżuri oħra, bħal sistema ta' inċentivi u/jew ta' pieni.

### 3.3. It-treġija aħjar tar-riskji

Għada kif tlestiet reċentement gwida tat-treġija tar-riskji għall-amministrazzjonijiet fiskali bil-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tinsisti biex il-frott tax-xogħol li sar jitqiegħed fil-prattika b'mod effettiv mill-Istati Membri.

Barra minn hekk, jixraq li jiġi studjat kemm wieħed jista' jużа bl-aħjar mod possibbli għall-ġbir tat-taxxi l-esperjenza tad-dwana fil-ġbir tat-taxxi, fejn il-prattika tat-treġija tar-riskji hija aktar avvanzata. L-Istati Membri resqin b'mod partikulari lejn skambju kompjuterizzat u sigur tat-tagħrif dwar ir-riskji fuq il-bażi ta' struttura elettronika standardizzata.

F'suq uniku, kull Stat Membru għandu l-insteress li l-amministrazzjoni fiskali tiegħu tkun tista' tiġbor malajr l-informazzjoni fuq ir-riskji potenzjali, iddeterminata skond metodoloġija komuni, li jkunu jistgħu joffru ċerti intrapriżi, b'mod partikulari meta intrapriża taxxabbli li tkun diġà attiva fi Stati Membri oħra tibda attività oħra fit-territorju tagħha.

### 3.4. Forum permanenti ta' diskussjoni fuq livell Komunitarju

Fil-preżent, il-kumitat permanenti għall-kooperazzjoni amministrattiva fir-rigward tat-taxxa tal-VAT, il-kumitat tat-taxxa tas-sisa, il-grupp ta' ħidma dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u l-kumitat għall-irkupru tat-taxxi dovuti, jikkostitwixxu l-limiti li fihom l-Istati Membri u l-Kummissjoni qegħdin jeżaminaw il-kwistjonijiet tekniċi fl-oqsma rispettivi. Dan kollu qiegħed isir fuq bażi frammentat.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li jixraq li jitwaqqaf forum ta' diskussjoni, anzi ta' djalogu fuq livell għoli fejn il-kwistjonijiet ta' l-evażjoni tat-taxxa u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri jistgħu jiġu eżaminati fuq livell aktar globali. Dan il-forum jista' jkollu rwol importanti fl-intraċċar ta' l-azzjonijiet li ssemmew qabel u b'mod partikulari jagħti linji ta' gwida għall-ħidmiet li jridu jsiru fi ħdan il-kumitati u l-gruppi ta' ħidma speċifiċi

## 4. Kooperazzjoni aktar żviluppata mal-pajjiżi terzi

L-evażjoni tat-taxxa ma tiqafx fuq il-fruntieri mal-pajjiżi l-oħra barra mill-Unjoni Ewropea; jidher dejjem aktar ċar li għandha tinfetaħ it-tieqa tal-kooperazzjoni amministrattiva ma' dawn il-pajjiżi.

L-involviment dejjem jiżdied ta' intrapriżi ġejjin minn pajjiżi terzi fil-katina ta' l-evażjoni, il-kummerċ elettroniku u l-globalizzazzjoni tas-suq tas-servizzi jixhdu l-ħtieġa għal kooperazzjoni fuq livell internazzjonali fejn tidħol it-taxxa tal-VAT. Għalkemm il-firxa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni mudell ta' l-OECD twessgħet biex tinkludi t-taxxa tal-VAT, il-qagħda ma hijiex sodisfaċenti, b'mod partikulari minħabba li l-mekkaniżmu tal-kooperazzjoni iserraħ fuq bażi bilaterali.

Waqt li approċċ ikkoordinat fuq livell Komunitarju għandu jiġi studjat sabiex tissaħħaħ il-kapaċità li tittieħed azzjoni mill-Istati Membri, tista' tiġi studjata wkoll il-possibblità li ssir konvenzjoni.

Fil-każ tat-tassazzjoni diretta, it-tisħiħ tat-trasparenza fiskali ta' ċerti pajjiżi terzi (u t-territorji dipendenti u assoċjati, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni meħtieġa) kif ukoll it-tisħiħ tas-sorveljanza fuq l-applikazzjoni tal-liġijiet fiskali tagħhom għandhom jiġu studjati, b'mod partikulari f'koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra internazzjonali.

Fil-każ ta' l-Istati Membri, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi bażikament għandha ssir fuq il-bażi ta' ftehim bilaterali, iżda dan ma jiggarantixxix approċċ li jkun effettiv biżżejjed. Il-Kummissjoni taħseb jekk ikunx opportun li tippreżenta l-proposti tagħha bil-għan li jiġi żviluppat approċċ Komunitarju fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi.

Aktar minn hekk, fuq livell Komunitarju, l-inklużjoni tal-klawżoli tal-kooperazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mat-taxxi fil-qafas tal-ftehim ta' sħubija ekonomika li l-Unjoni kkonkludiet ma sħabha, tikkostitwixxi strument li jista' jwassal biex dan il-għan jiġi sostnut. L-integrazzjoni, fil-ftehimiet kummerċjali ġejjiena, tad-dispożizzjonijiet dwar tmexxija tajba, b'mod partikulari dik fiskali, se tiġi eżaminata skond il-merti ta' kull każ. Barra minn hekk, ikun xieraq li jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni tipprova tippromwovi attwalment l-azzjonijiet ta' għajnuna teknika sabiex il-pajjiżi terzi sħab li jikkooperaw isibu l-għajnuna meħtieġa biex jiżviluppaw aktar it-trasparenza tas-sistemi fiskali tagħhom. Għalhekk, fl-għaxar FED, sejra tiġi inkluża allokazzjoni għall-inċentivi fir-rigward tat-tmexxija tajba partikolarment dik finanzjarja, fiskali u ġudizzjarja.

## 5. ASPETTI OĦRA

### 5.1. Il-ħarsien tad-dħul mit-taxxi: responsabblità maqsuma bejn l-Istati Membri

Fil-qasam ta' l-evażjoni tat-taxxa fuq dimensjoni Komunitarja (b'mod partikulari l-katina ta' l-evażjoni), huwa fatt li spiss jintervjenu persuni fiċ-ċrieki ta' l-evażjoni tat-taxxa, mingħajr ma jirriżulta f'telf ta' dħul għall-Istat Membru nnifsu li jkunu ġejjin minnu. L-intervent tagħhom iservi prinċipalment biex jinħeba ċ-ċirku ta' l-evażjoni tat-taxxa u b'hekk il-ġbir tat-taxxi dovuti jsir aktar diffiċli, jekk mhux impossibbli.

Fid-dawl tal-ħarsien tad-dħul mit-taxxi ta' l-Istati Membri kollha fis-Suq Intern, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri komparabbli kontra dawk li jwettqu l-frodi, b'mod partikulari f'termini tas-sanzjonijiet u tal-proċedimenti penali, indipendentement mill-fatt jekk l-evażjoni twassalx għal telf tad-dħul fl-Istat Membru kkonċernat jew le.

### 5.2. It-titjib fl-iskambju ta' l-informazzjoni

Fir-rigward tat-taxxa tal-VAT, il-fatt li l-aċċess ta' malajr għall-informazzjoni jikkostitwixxi fattur determinanti fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, jixraq li wieħed jaħseb f'metodi aktar

effettivi ta’ skambju ta’ l-informazzjoni, meta jiġu kkunsidrati l-avvanzi teknoloġiċi reċenti fuq il-livell tat-tagħmir li għandhom l-intrapriżi. Huwa f’dan id-dawl li għandhom jitqiesu l-iskambji awtomatizzati aktar spissi bejn l-Istati Membri, aktar iddettaljati jekk mhux ukoll l-aċċess dirett għal repożitorji ta’ dejta nazzjonali. Il-modernizzazzjoni meħtieġa tas-sistema VIES toffri l-opportunità biex jittieħdu xi wħud minn dawn il-miżuri ta’ titjib.

Fir-rigward tat-tassazzjoni diretta, ikun xieraq li wieħed jaħseb għall-formulari u formati kompjuterizzati u standardizzati għat-tipi ta’ l-iskambji ta’ l-informazzjoni u tal-kollaborazzjoni maħsuba fid-Direttiva, b’mod partikulari, biex tintuża u tiġi adattata mill-ġdid għal taxxi oħra, is-sistema awtomatika ta’ l-iskambji ta’ l-informazzjoni stabbilita fil-qafas tad-Direttiva dwar it-tfaddil. Bl-istess mod, ikun utli għall-Istati Membri li jingħataw il-kummentarji, il-manwali, il-linji gwida, il-profili tal-pajjiżi, eċċ.

### 5.3. It-tisħiħ ta’ l-obbligi dikjarattivi

It-tisħiħ b’mod ġenerali ta’ l-obbligi dikjarattivi jista’ jiġi studjat ukoll jekk ikun jeħtieġ li dawn ma jibqgħux daqshekk iebsa għall-intrapriżi li jiksbu l-awtorizzazzjoni billi jissieħbu ma’ l-amministrazzjoni fiskali kif isir fil-każ ta' kwistjonijiet doganali; l-għan huwa li jinżammu dawn l-obbligi dikjarattivi ddettaljati għal dawk l-entitajiet taxxabbli biss li jkunu f’riskju. Fl-istess ħin, bil-maqlub, wieħed jista’ jaħseb b’mod utli biex iżid l-obbligi għall-intrapriżi li jkunu ġew identifikati bħala problematiċi fl-analiżi tar-riskju.

## 6. L-EMENDAR TAS-SISTEMA KOMUNI TAL-VAT U TAS-SISA

Fir-rigward tat-taxxa tal-VAT, il-Kummissjoni tqis li jkun jaqbel li ssir analiżi tal-punti dgħajfa tas-sistema attwali fid-dawl tal-possibbiltajiet ta’ l-evażjoni tat-taxxa li joħolqu. B’mod partikulari, hija kwistjoni tat-tassazzjoni fuq il-bejgħ mill-bogħod, tar-regoli tat-tassazzjoni tal-mezzi tat-trasport il-ġodda u dawk diġà użati, kif ukoll ir-regoli tat-tassazzjoni tat-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji b’mod ġenerali.

Mingħajr ma twarrab soluzzjonijiet oħra, il-Kummissjoni tfakkar li s-sistema finali tat-taxxa tal-VAT li adottaw l-awtoritajiet Komunitarji probabbilment tista’ toffri soluzzjoni għal dawn id-dgħufijiet kif ukoll għal ċerti tipi ta’ evażjoni.

Barra minn hekk, wieħed jista’ jipprevedi l-possibblità tat-tisħiħ tal-prinċipju tar-responsabbiltà solidali għall-ħlas tat-taxxa. Dan il-prinċipju kien is-suġġett ta’ diskussjonijiet imqanqla bejn l-amministrazzjonijiet fiskali u l-operaturi ekonomiċi. Din ir-riflessjoni għandha ssir fil-qafas stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja li permezz ta’ l-Ordni tal-11 ta’ Mejju 2006[10] titqajjem b’mod ġenerali l-kwistjoni dwar il-proporzjonalità u s-sigurtà ġuridika tal-miżuri maħsuba għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa.

Barra minn hekk, ċerti Stati Membri huma minkejja dan kollu ta' l-opinjoni li jkun jaqbel li tinbidel is-sistema tal-VAT sabiex ikun jista’ jitnaqqas it-telf tad-dħul mill-VAT minħabba l-evażjoni tat-taxxa. Huma jargumentaw favur li jiġi estiż l-użu tal-mekkaniżmu ta’ l-awto-likwidazzjoni għall-operazzjonijiet interni ta’ Stat Membru, biex b’hekk jitfgħu d-dubju fuq il-prinċipju tal-pagament f’partijiet, li sal-lum kien għadu meqjus bħala element ewlieni fis-

---

[10] Affaire C-384/04, Commissioners of Customs & Excise, Attorney General kontra Federation of Technological Industries e.a.

sistema tal-VAT. Dan is-suġġett diġà ġie diskuss f'diversi fora. B'mod partikulari kien is-suġġett ta' diskussjoni minn grupp tekniku magħmul mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

Peress li l-Kummissjoni tappoġġa l-għan li jiġi kkontrollat il-frodi, f'dan l-istadju qed teżamina l-ħtieġa ta' pass bħal dan b'moħħ miftuħ. Madankollu, il-ħtieġa preliminari għal kull bidla fis-sistema attwali tal-VAT hija li trid taqbel mal-parametri li ġejjin:

– tnaqqas konsiderevolment il-possibbiltajiet ta' l-evażjoni tat-taxxa u l-esklużjoni tar-riskji l-ġodda sinifikanti ta' evażjoni;

– ma toħloqx piżijiet amministrattivi sproporzjonati għall-intrapriżi u l-amministrazzjonijiet fiskali;

– tiżgura n-newtralità tat-taxxa;

– tiżgura t-trattament mhux diskriminatorju fi Stat Membru ta' l-operaturi nazzjonali u ta' l-operaturi li ma jkunux stabbiliti fih.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' l-awto-likwidazzjoni wriet l-effikaċja tiegħu f'setturi speċifiċi, bħas-settur tal-kostruzzjoni. Fit-teorija, applikazzjoni aktar ġenerali probabbilment tista' twassal biex titnaqqas ċerta evażjoni tat-taxxa iżda ġġib magħha problemi oħra, b'mod partikulari, ir-riskju ta' tipi ġodda ta' evażjoni.

Barra minn hekk, l-Istati Membri li jargumentaw favur applikazzjoni akbar tal-mekkaniżmu ta' l-awto-likwidazzjoni huma ta' l-opinjoni li sistema bħal din għandha titħaddem flimkien ma' obbligi dikjarattivi supplimentari meta mqabbla mas-sistema attwali sabiex jiġu evitati riskji ġodda ta' evażjoni tat-taxxa.

Bidla bħal din tqajjem għadd ta' kwistjonijiet importanti li jeħtieġu li jiġu diskussi fil-fond mal-partijiet kollha interessati, u l-ewwel ma' l-operaturi li sejrin japplikaw din is-sistema. Dawn il-mistoqsijiet jikkonċernaw primarjament:

– il-livell tas-sigurtà ġuridika għall-operaturi li japplikaw is-sistema ta' l-awto-likwidazzjoni bi skop tajjeb (it-trattament tal-VAT ta' l-operazzjoni tkun tiddependi fuq l-istatus personali tal-klijent);

– il-vantaġġi u l-ispejjeż tat-twettiq tas-sistema.

Kieku wieħed kellu jistudja l-applikazzjoni fakultattiva ta' dan il-mekkaniżmu ta' awto-likwidazzjoni, ikun jaqbel li tiġi żgurata l-osservanza tal-kondizzjonijiet stretti fil-qafas Komunitarju b'mod partikulari fit-termini tal-funzjonament korrett tas-Suq Intern u tal-politika ta' simplifikazzjoni (regolamenti diverġenti, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħruġ tal-fatturi u ta' l-obbligi kumplementari)

F'dan il-qafas ta' riflessjoni dwar il-bidliet possibbli fis-sistema tal-VAT fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, ikun jaqbel li tiġi kkunsidrata bl-istess mod it-taxxa fuq il-kunsinni intra-Komunitarji, jew b'rata unika li għandha tkun għolja biżżejjed biex twarrab kull tentazzjoni li tinbena katina ta'evażjoni, inkella bir-rata ta' l-Istat Membru destinatarju.

Fir-rigward tat-taxxa tas-sisa, jidher ċar li l-istruttura attwali tat-tassazzjoni fuq it-tabakk ma jħallix lis-Suq Intern jiffunzjona tajjeb, b'mod partikulari minħabba s-separazzjoni tas-swieq

(l-iffissar tal-prezzijiet) li ġġib magħha d-devjazzjonijiet tal-kummerċ. Ikun jaqbel għalhekk li jiġi eliminat dan it-tagħwiġ.

## 7. Konklużjoni

Il-komumikazzjoni preżenti ma fihiex "is-soluzzjoni" unika u globali għall-problemi. L-għan tagħha huwa li turi varjetà ta' miżuri realistiċi u pragmatiċi possibbli fuq medda qasira ta' żmien, iżda huwa essenzjali li dan isir b'mod koerenti u kkoordinat sabiex iwasslu għal soluzzjoni fid-dawl tad-dimensjoni Komunitarja, anzi internazzjonali, tas-swieq ekonomiċi.

Barra minn dan, huwa importanti li wieħed jiftakar li din il-komunikazzjoni qiegħda titqiegħed fil-qafas aktar wiesa' għat-twettiq ta' l-għanijiet ta' Liżbona. Is-simplifikazzjoni ta' l-ambjent fiskali huwa element ewlieni f'din il-politika u l-miżuri maħsuba għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa b'mod aktar effettiv ma jistgħux imorru kontra dan il-għan.

Fir-rigward tat-taxxa tal-VAT, id-diskussjoni diġà qiegħda ssir fuq il-bidliet importanti ta' ċerti mekkaniżmi tas-sistema komuni.

Il-Kummissjoni tibqa' miftuħa għad-diskussjoni, iżda d-diskussjonijiet inizjali ma' l-Istati Membri u l-operaturi juru li bidla fis-sistema tal-VAT tqanqal ċertu numru ta' mistoqsijiet importanti li jeħtieġu studju fil-fond, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-effetti ta' dan fuq il-partijiet kollha kkonċernati.

Il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni f'dan l-istadju li l-evażjoni tista' tiġi kkontrollata aħjar permezz ta' azzjoni konġunta bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u permezz ta' organizzazzjoni effettiva u moderna ta' sorveljanza, flimkien ma' kooperazjoni qawwija u rapida bejn l-Istati Membri, u, jekk ikun hemm bżonn, l-OLAF fuq il-bażi ta' l-istrumenti ġuridiċi adattati.

Meta wieħed iqis is-serjetà tas-sitwazzjoni, il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet ikkonċernati, b'mod partikulari l-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali biex jibdew id-diskussjonijiet kemm jista' jkun malajr sabiex ikunu jistgħu jidhru indikazzjonijiet ċari, u l-Kummissjoni stess lesta tniedi mill-aktar fis pjan ta' azzjoni b'miri ddeterminati.